MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 259/2003

**Pace & Mercieca Ltd**

**vs**

**J.D.S. Furniture Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-15 ta’ Mejju 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha s-somma ta’ elfejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi (Lm2021.08c) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Jannar 2003 kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikoli 2148 (b) tal-Kodici Civili.

2. Inoltre l-ammont pretiz mhux dovut billi s-socjeta' attrici permezz tal-mandatarju taghha, thallset ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

3. Bla pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut kollu billi minnu jridu jitnaqqsu l-pagamenti maghmula mill-eccipjenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm relazzjoni kummercjali li tmur lura fiz-zmien u kien hemm kont miftuh favur is-socjeta' konvenuta. Darba minnhom kif spjega John Sammut,Direttur ta' din is-socjeta' huwa xtara kwantita' ta' beachwood fl-ammont ta' erbat elef lira (Lm4000). Irrizulta illi dan il-beachwood seta' kien difettuz peress illi wara li gie manifatturat beda jixpakka mill-vini, ghalhekk dana ppretenda li jigi ri-imbursat jew inkella issir *"set off"* ma' materjal iehor li huwa akkwista minghand is-socjeta' attrici. Ghalhekk minkejja illi s-socjeta' attrici ma accettatx ir-responsabbilta' tal-hsara fl-injam, John Sammut ha folja *oak* u ddecieda li ma jhallashiex (fol 21 A).

Jammetti li meta huwa ddiskuta mad-direttur tas-socjeta' attrici William Mercieca dana ma accettax responsabbilta' u lanqas it-tpacija kif imwettqa minn John Sammut. Bdew jintbaghtu l-kontijiet lis-socjeta' konvenuta izda John Sammut irrifjuta li jhallas. Wara dan is-socjeta' attrici kienet inkarigat lil certu Jose' Buttigieg li kien igib ruhu bhala "*debt collector"* sabiex javvicina lis-socjeta'

konvenuta u jigbor il-flus minghandha. Jidher li dan Buttigieg mar kellem lil John Sammut, hadu bil-goff u bhala konsegwenza ta' dan Sammut hareg cheque ta' tminn mitt lira (Lm800) li ssarraf. Giet esebita ircevuta ghas-somma ta' tminn mitt lira (Lm800) kif ukoll fotokopja tal-mamma tac-cheque minn fejn jirrizulta tali pagament. Sammut qal illi ghamel pagament iehor ta' tminn mija u hamsa u tletin lira (Lm835) li pero' *"m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li hemm mas-socjeta' attrici"* (fol 21 C).

Skond ix-xhieda ta' Alex Mercieca, *Managing Director* tas-socjeta' attrici l-ahhar pagament li sar mis-socjeta' konvenuta kien fil-31 ta' Mejju 1999 u saret ittra ufficjali fid-19 ta' Jannar 2003 li taghha saret twegiba permezz ta' ittra ufficjali ohra fis-27 ta' Jannar 2003. Alex Mercieca jikkonferma li kien avvicina lil Jose' Buttigieg bl-inkarigu specifiku li jigbor id-djun dovuti mis-socjeta' konvenuta, pero' ma kellu l-ebda awtorita' li jidhol fi ftehim mas-socjeta' konvenuta illi biha seta' jorbot lis-socjeta' attrici. Mill-flus illi gabar Jose' Buttigieg is-socjeta' attrici ma rat xejn.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjonijiet legali li jridu jigu kkunsidrati f'din il-vertenza huma s-segwenti. L-ewwel hija l-kwistjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta. Jekk din ma tirnexxiex il-kwistjoni tal-mandat li gie moghti lil Jose' Buttigieg mis-socjeta' konvenuta u sa fejn dan seta' jorbot lis-socjeta' attrici fir-relazzjonijiet li Buttigieg kellu mas-socjeta' konvenuta. U t-tielet hija t-tpacija illi John Sammut allegatament ghamel mas-socjeta' attrici wara l-ilment illi kellu fuq l-injam li gie supplit lis-socjeta' tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li huwa l-preskrizzjoni, s-socjeta' konvenuta nvokat favur taghha l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Il-kontroversja bejn il-partijiet kif jidher car min nota ta' l-osservazzjonijiet

minnhom ipprezentata, hija li l-injam supplit mis-socjeta' attrici ma kienx bl-imnut izda bl-ingrossa u ghalhekk huwa opportun illi l-Qorti tindaga din il-kwistjoni u tara jekk dan l-artikolu eccepit mis-socjeta' konvenuta huwiex ammessibli jew le. Kif ghallmet il-Qorti *"il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqfa mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospenzjoni jew interruzzjoni taghha."* (Vol XXX pt i pg 998; Vol XXXVII pt ii pg 626).
Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici qieghda fil-kummerc u fost affarijiet ohra tinnegozja l-injam, li timpurtah mill-esteru u mbaghad tbieghu bl-ingrossa jew bl-imnut skond min jircevieh. F'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta wkoll qieghda fil-kummerc u timmanifattura l-ghamara u fost il-klijenti taghha li jissupplixxu l-injam hemm is-socjeta' attrici. Ghalhekk jidher li hemm relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet izda l-injam illi gie konsenjat lis-socjeta' konvenuta ma kienx jieqaf hemm, izda jigi manifatturat u jerga' mghoddi lill-klijenti tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk l-injam mixtri ma kienx ghal konsum tas-socjeta' konvenuta izda ghall-klijenti taghha li finalment jircievu prodott minghand l-istess socjeta' bl-injam manifatturat minnha.

Ghalhekk il-Qorti ma tarax li hemm relazzjoni bejn iz-zewg partijiet illi tikkwalifika l-bejgh bl-imnut u hawnhekk taqbel ma' l-argumenti u sottomissjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici illi l-bejgh sar bl-ingrossa u li jrid jigi kkalkolat b'dak il-kriterju. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex illi l-artikolu kkwotat mis-socjeta' konvenuta ghall-estensjoni tad-dritt illi tippretendi li ghandha s-socjeta' attrici bhala wiehed korrett. F'dan l-istadju l-Qorti ma jidhirliex illi ghandha l-kompitu illi tfittex hi artikolu iehor li jista' jissodisfa l-esigenzi tas-socjeta' konvenuta. Kif qalet il-Qorti *"invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi l-Qorti ma tistax jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hijiex applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra illi ma gietx invokata."* (Vol XLII pt ii pg 1152). Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta u tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjonijiet l-ohra.

Ikkunsidrat:

Irrizulta wkoll mill-provi illi s-socjeta’ attrici kienet inkarigat lil Jose’ Buttigieg sabiex jigbor xi djun illi s-socjeta’ kellha ma’ terzi. Fost dawn id-djun kien hemm dak dovut mis-socjeta’ konvenuta.  Bejn is-socjeta’ attrici u Jose’ Buttigieg ma kien hemm xejn bil-miktub peress li l-iskritturi li gew esebiti baqghu mhux iffirmati u ghalhekk ma ghandhom l-ebda rabta bejn il-partijiet, pero’ Alex Mercieca xehed illi huwa kien ta struzzjonijiet verbali lil Jose’ Buttigieg sabiex dan jigbor xi flus minghand id-debituri.  Il-kliem ezatt kien *“jigbor li jigbor”.*

Imkien ma rrizulta li tah xi struzzjonijiet jew xi mandat specjali sabiex jorbot lis-socjeta’ attrici b’xi kondizzjonijiet ma’ terzi. Ghalhekk  minn dan jirrizulta li l-unika awtorita’ li kellu Jose’ Buttigieg  kien li jigbor il-flus u jghaddihom lis-socjeta’ attrici. Buttigieg mar ghand is-socjeta’ konvenuta u kellem lill-*managing director* lis-Sur Sammut. Jidher li din id-diskursata ma tantx kienet amikevoli peress li s-Sur Sammut hassu mhedded u hareg cheque ta’ tminn mitt lira (Lm800).  Skond is-Sur Sammut dan il-pagament sar ghas-saldu, izda dan bl-ebda mod ma jirrizulta. Ic-cheque ittiehed mis-Sur Buttigieg u ssarraf pero’ qatt ma wasal ghand is-socjeta’ attrici u probabbilment inzammu mill-istess Buttigieg. Ta’ dan pero’ m’ghandhiex tkun responsabbli s-socjeta’ konvenuta peress illi s-socjeta’ attrici kienet fid-dover tara lil min tqabbad biex jissalvagwardja l-interessi taghha u jekk Buttigieg ma mexiex skond it-termini tal-ftehim, allura dina hija haga ta’ bejniethom u m’ghandhiex  taffettwa d-drittijiet tas-socjeta’ konvenuta. Tajjeb jew hazin irrizulta ampjament ippruvat illi s-socjeta’ konvenuta hallset lil Buttigieg l-ammont ta’ tminn mitt lira (Lm800) u ghalhekk dan il-hlas ghandu jitqies illi sar lis-socjeta’ attrici. Jekk pero’ kellhux jaghmel tajjeb biex ipaci l-kwistjoni li s-socjeta’ konvenuta kellha mas-socjeta’ attrici, hija kwistjoni ohra.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta qieghda tilmenta illi l-prodott illi xtrat minghand is-socjeta' attrici kien difettuz u inkorriet f'ammont ta' danni ma' terzi minhabba dawn id-difetti. Kien ghalhekk illi Sammut ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ddecieda illi jaqbad u jiehu materjal minghand is-socjeta' attrici u ma jhallasx ghalih. Sammut ma jikkwantifikax id-danni li s-socjeta' tieghu subiet minhabba d-difett fil-merkanzija illi xtrat minghand is-socjeta' attrici. Ighid biss illi kien kostrett jaghmel ghamara gdida lil dan it-terz li kien ordna l-ghamara bl-injam difettuz.

Bhalma ghallmet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>*Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene mart Francis Xuereb et*</u> deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Gunju 2005 *"dikjarazzjonijiet generici ta' telf finanzjarju kawzati b'agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagament ta' djun. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehemha mill-ftehim skond id-diligenza msemmija mill-bonus pater familias, wiehed kellu diversi ghazliet...."* Dawn l-ghazliet ma jinkludux z-zamma tal-pagament jew inkella d-decizzjoni arbitrarja li titwettaq tpacija. Dan mhuwiex il-mod kif isir, darba kien hemm oggezzjoni qawwija min naha tal-kreditur illi ma accettax l-ilment tad-debitur.

Hekk intqal fil-kawza <u>*Anastasi vs Dickson*</u> deciza mill-Prim Awla fit-3 ta' Novembru 1982 *"illi skond l-artikolu 1240 (illum 1197) it-tpacija tista' ssir biss bejn iz-zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett inter alia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidati u jistghu jintalbu. Jekk is-somma tkun kontestata ma tistax isservi bhala bazi ghat-tpacija."*

L-istess intqal <u>*Onorevoli Carm Lino Spiteri vs DPW*</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1988 fejn intqal *"ma tistax issir tpacija meta dejn li qed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esegwibbli jew ta' l-anqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma t'opera ipso jure jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra."*

L-istess John Sammut ighid illi d-direttur tas-socjeta' attrici ma kienx accetta l-ilment tieghu. Tant hu hekk illi a fol 21b ighid *"ma gewx iffirmati karti bejnietna, lanqas ma kien*

*hemm xi accettazzjoni minghand William, (direttur tas-socjeta' attrici) izda l-oak qbadt u hadtu u ddecidejt li ma nhallsux."* Ghalhekk la darba l-ilment tas-socjeta' konvenuta ma giex accettat dana ma jistax arbitrarjament jiddeciedi li jwettaq tpacija u jzomm pagament dovut lill-kreditur.

Ghal dak li huwa l-quantum il-Qorti rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici u jidhrilha illi l-ammont mitlub huwa gustifikat. Dana huwa korroborat mix-xhieda tad-direttur Alex Mercieca li spjega b'mod car u grafiku r-relazzjoni kummercjali illi kien hemm bejn iz-zewg socjetajiet, kif kienu jsiru l-pagamenti u ghaliex din ir-relazzjoni waqfet hesrem. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghandu jigi mhallas, imnaqqas pero' bi tminn mitt lira (Lm800) illi s-socjeta' konvenuta hallset lil Jose' Buttigieg ghan-nom tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha l-ammont ta' elf, mitejn, wiehed u ghoxrin lira Maltin u tminn centezmi (Lm1221.08c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------